# ELEZJONI F'EATANSWILL

*( Meħuda mill-*"Pickwick Papers" *ta' C. Dickens )*

Għodwa waħda l-imseħbin tal "*Pickwick Club*" rikbu l-karozza ta' Eatanswill biex imorru għall-elezjoni tal-membru tal-Parlament ta' dik il-belt żgħira.

In-nies ta'Eatanswill, bħan-nies ta' ħafna bliet oħra żgħar, kienu jaħsbu li huma xi ħaġa kbira, u kull wieħed kien iħoss li għandu jingħaqad b'ruħu u b'ġismu ma wieħed miż-żewġ partiti kbar li kienu jaqsmu l-belt—il-Koħol u s-Sofor. Il-Koħol ma kienu jitilfu l-ebda waqt li jmieru s-Sofor, u s-Sofor ma kienu jitilfu l-ebda waqt li jmieru l-Koħol. Jekk is-Sofor kienu jaħsbu biex jagħmlu ħġieġ fis-saqaf tas-suq, il-Koħol kienu jgħidu li dan ħala u tberbiq ta' flus; jekk il-Koħol ifettlilhom iżidu għajn oħra tal-ilma, is-Sofor kienu jqumu bħal bniedem wieħed biex ma jħallux isir ħażen bħal dan.

Ma għandniex xi ngħidu, fil-belt kien hemm żewġ gazetti : *Il-Gazetta ta' Eatanswill* tal-Koħol, u *L'Independent ta' Eatanswill* tas-Sofor. Dak ġlied u tgħajjir ! Ma taqrax ħlief "Għajb għal *Gazetta* ! Dak l-*Independent* bla ġieh u qarrieq ! Dak innassies u wiċċ bla mistħija..." u kliem ieħor bħal dan.

Qatt ma kienet saret taqbida bħal dik. L-onorevoli Samuel Slumkey ħareġ mal-Koħol, u s-Sur Orazju Fizkin kellu joħroġ biex jaqbeż għas-Sofor. Il-*Gazetta* kienet twissi n-nies tagħha li l-għajnejn mhux biss tal-Ingilterra, imma tad-dinja kollha kienu fuqhom ; u l-*Independent* ried jaf bil-jedd kollu jekk in-nies ta' Eatanswill humiex dawk l-għorrief li dejjem ħasbuhom, inkella għodda mixtrija u qaddejja, li ma kienx jixirqilhom l-isem ta' Ingliżi u anqas il-barka tal-libertà.

Malli Pickwick u sħabu niżlu mill-karozza sabu ruħhom imdawrin qalb ġemgħa nies li għajjtu tliet għajtiet li jtarrxu: "Viva Slumkey !"

"Waħda oħra", għajjat nitfa ta' raġel, li kien imexxi l-dik il-qatgħa nies.

"Viva Slumkey !" għajjtu l-koll kemm jifilħu.

"Viva Slumkey !" għajjat Pickwick.

"Min hu Slumkey ? " staqsieh minn taħt il-lsien is-Sur Tupman sieħbu.

"Ma nafx", wieġeb Pickwick. "La tagħmilx mistoqsijiet; l-aħjar 'agħmel bħal ma tagħmel il-ġemgħa."

"U jekk ikun hemm żewġ ġemgħat ? "

"Għajjat mal-akbar."

Daħlu l-lukanda u Pickwick staqsa lil-wieħed mill-qaddejja :

"Nistgħu nsibu sodod hawn ? "

"Ma nafx, sinjur. Naħseb li aħna mimlijin. Ħa mmur nara, sinjur. Intom il-koll mal-Koħol, hux sinjur?"

Pickwick sab ruħu ftit u xejn imfixkel b'dil mistoqsija, imma malajr ħeles billi dawwar il-kliem u qal:

"Tafu, hawn wieħed jismu Perker?"

"Nafu ngħid!" wieġeb il-qaddej, "qiegħed jaħdem għas-Sur Slumkey; hu mal-Koħol."

"Mela aħna wkoll mal-Koħol", tenna Pickwick.

Ir-raġel qagħad itiegħem ftit din it-tweġiba, imbagħad daħħal 'l-Pickwick ħdejn is-Sur Perker.

"Oh! x'hemm sinjur", qallu Perker, "kemm jien ferħan narak. Oqgħod bil-qiegħda. Mela ġejt sa hawn tara l-elezjoni? Taqbida ġmielha. X'jidhirlek sinjur?"

"Nifraħ meta nara hekk," wieġeb Pickwick jogħrok idejh.

"Iva għandek biex. Il-lokandi kollha f'idejna; lill-għedewwa ma ħallejnilhomx ħlief il-ħwienet tal-birra. Iżda n-nies ta' Fizkin għandhom tlieta u tletin raġel minn tal-vot tagħna magħluqin fejn iżommu l-karozzi fil-lukanda taċ-Ċerv Abjad."

"U l-għala għalquhom hemm?" staqsa mistagħġeb Pickwick.

"Biex aħna ma nkunux nistgħu naqbduhom f'idejna; u mqar kieku nistgħu, ma jiswewlna xejn, għax iżommuhom fis-sakra. Iżda għandna tama qawwija li nirbħu. Il-lejl l-ieħor kellna *tea-party* hawnhekk; kien hawn ħamsa u erbgħin mara, u kull waħda tajnieha umbrellina ħadra tax-xemx qabel ma telqet."

"Umbrellina!" qal Pickwick.

"Mela! ħamsa u erbgħin umbrellina li qamulna seba' xelini u nofs il-waħda. In-nisa jħobbuh dan iċ-ċekċik. Fejn taf kemm swewlna dawk l-umbrellini! Rebbħuna l-vot tar-rġiel ta' dawk in-nisa kollha u ta' nofs ħuthom. Minn rasi ġiet dil-biċċa, kollha minn rasi."

* * *

"X'hemm, Sam?" qal Pickwick l-għada fil-għodu, "kull-ħadd fuq tiegħu l-lum."

"Logħba sabiħa, sinjur," qallu Sam, "in-nies tagħna qegħdin jinġemgħu ħdejn il-lukanda u għoddhom inħanqu minn issa bil-għajjat."

"Nies f'saħħithom, eh, Sam?"

"Qatt ma rajt nies bħalhom. Qatt ma rajt nies jieklu u jixorbu daqshom. Ma nafx kif ma jibżgħux li jinfaqgħu."

"Jidhru nies tal-qalb, u x'inhuma friski, eh, Sam?"

"Friski ngħid," wieġeb is-seftur; "jien u żewġ sefturi oħra tal-lukanda konna qegħdin inxarrbu tnejn minn tal-partit

l-ieħor taħt l-għajn il-lejl li għadda. Kien fihom x'tara. Qlajna xelin kull wieħed ta' dil-biċċa xogħol."

"Imma jista' jkun li jsiru bċejjeċ bħal dawn?" staqsa Pickwick.

"Isma' x'qallek! Mela m'intix mgħammed? Dan mhu xejn. Il-lejl ta' qabel l-aħħar elezzjoni li kien hawn, wieħed mill-partiti ħallas il-mara tal-lukanda biex tilloppja l-brandi ta' erbatax il-raġel bil-vot li kienu fil-lukanda."

"Xi trid tgħid biha, tilloppjalhom il-brandi, Sam?

"Jiġifieri tgħamlilhom il-lawdnu fih. Ġagħlithom jorqdu sa tnax il-siegħa wara li saret l-elezzjoni. Ħadu wieħed minnhom ġo karretta sa fejn kienu jatu l-voti; imma għalxejn, ma riedux iħalluh jivvota, u kellhom jerġgħu jeħduh l-ura f'soddtu."

"Ħwejjeġ igħaġġbuk dawn, Sam,"qal Pickwick.

"Mhux in-nofs li tgħaġġbek biċċa li ġrat lil missieri waqt elezzjoni hawnhekk, sinjur."

"U x'kienet, Sam?"

"Mela missieri kien jaħdem bil-karozza hawn. Waslet l-elezzjoni u kellu jġib xi nies minn Londra biex jivvotaw. Il-lejl ta' qabel bagħat għalih kisknijiet il-kumitat tal-partit l-ieħor. "X'hemm, sur Weller?" qallu l-president, "kif int?" "Tajjeb grazzi, sinjur," qallu missieri; "nittama li int mhux ħażin." "Tajjeb wisq," wieġeb is-sinjur; "ogħod sur Weller. Triq ftit ħażina minn hawn sa Londra, eh, Weller." "L'hawn u l'hemm ħażina," qal missieri. L-aktar ħdejn il-kanal, jidhirli," qallu s-sinjur. "Biċċa iebsa dik," qal missieri. "Mela, Sur Weller, aħna nafu li int issuq tajjeb; tagħmel li trid biż-żwiemel. Aħna nħobbuk ħafna u għalhekk jekk tiltaqa' ma xi saram int u nieżel b'dawk ir-rġiel u taqlibhom gol-kanal, mingħajr ma tweġġagħhom, din għalik." U żerżaqlu karta ta' għoxrin lira f'idu. Ma kontx temmen, sinjur, li dik in-nhar meta kien nieżel b'dawk in-nies, il-karozza nqalbet sewwa sew f'dik in-naħa, u kullħadd mar ġol-kanal."

"U naħseb li reġa' ħareġ, eh, Sam?" staqsa Pickwick.

"Ma nafx, sinjur; jidhirli li wieħed xiħ intilef. Naf li sabu l-kappell tiegħu, iżda ma nafx jekk rasu kenitx ġo fih jew le."

Wara din it-taħdita Pickwick u sħabu ħarġu u marru għand xi ħbieb minn fejn setgħu jaraw aħjar x'kien isir.

Qatgħa kbira ta' nies kienu jgħollu u jxejjru bnadar koħol, itambru kemm jifilħu u jdoqqu t-trumbetti b'kemm għandhom nifs. Qtajja ta' pulizija bil-lembubi koħol, nies tal-kumitat b'imkatar koħol u nies biex jivvotaw bil-kukkardi koħol. Għaddiet karozza b'erba' żwiemel bl-onorevoli Slumkey ġo fiha. Il-bandieri jperpru, il-banda ddoqq, il-pulizija jidgħu, in-nies igħajjtu, iż-żwiemel jonfru, il-kuċċieri għarqanin, u dan kollu

għall-ġieh u l-qima tal-onorevoli Slumkey li ħareġ għal kunsilier ta' dik il-belt.

Fid-daqqa u l-ħin Perker idur fuq is-Sur Pickwick u qallu: "Ara, ara, Slumkey qiegħed jieħu b'idejn il-ħaddiema tal-faħam. Ara, qiegħed iżiegħel bit-trabi. Isma', isma' bies wieħed minnhom, bies ieħor, qiegħed ibushom kollha." U qalb għajjat li jtarrax dak is-sarbut nies baqa miexi l-quddiem.

Imbagħad għaddew is-Sofor bil-pulizija tagħhom, bil-kumitat tagħhom, bin-nies li jżommu magħhom u bit-trabi tagħhom. Is-Sur Pickwick, bla ma kellu ħsiebha, jaqla' daqqa ġo rasu li għaddsitlu l-kappell sa għajnejh, sa mnieħru, sa geddumu. X'ħin qala' l-kappell u ġie f'sessih, sab ruħu ma' sħabu f'naħa oħra, iħares lejn Fizkin u Slumkey li b'idejhom fuq qalbhom kienu jsellmu lil dak il-baħar imqanqal ta' nies.

"Skiet," għajjtu n-nies tal-Mayor.

"Sinjuri", qal il-Mayor, igħajjat b'kemm għandu saħħa, "sinjuri ħuti, eletturi ta' Eatanswill, aħna ltqajna hawn il-lum biex nagħżlu wieħed li jkun jista' jitkellem għalina, jaqbeż għalina flok dak li kellna"

"Viva l-Mayor," għajjat xi ħadd, u jalla dejjem ir-fisq lin-negozju tiegħu tat-twaġen, li bih għamel il-flus."

U mill-bqija ta' kull ma qal il-Mayor ma nstema' xejn iżjed ħlief l-aħħar kelmiet, li bihom il-Mayor iżża ħajr lil dawk in-nies talli qagħdu jisimgħuh bis-skiet.

Inbagħad tkellmu oħrajn, u qablu l-koll f'ħaġa waħda biss, filli jfaħħru l-ġieh tan-nies ta' Eatanswill. Il-koll fissru ħsiebhom li fuq wiċċ id-dinja kollha m'hemmx nies iżjed għorrief, iżjed iħobbu 'l pajjiżhom minn dawk li kienu wegħduhom il-vot.

Em. Agius